

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 80/2012**
tal-31 ta' Jannar 2012

li jistabbilixxi l-lista ta' sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi prevista fl-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali

(kodifikazzjoni)

(ĠU L 29, 1.2.2012, p. 33)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 197/2013 tas-7 ta' Marzu 2013	L 65	15	8.3.2013



REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 80/2012

tal-31 ta' Jannar 2012

li jistabbilixxi l-lista ta' sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi prevista fl-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali

(kodifikazzjoni)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2288/83 tad-29 Lulju 1983 li jistabbilixxi lista ta' sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi pprovduti fl-Artikolu 60(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet minn dazji doganali ⁽²⁾ ġie emendat kemm-il darba ⁽³⁾ b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.
- (2) L-Artikolu 53(1)(b) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 jipprovdi għal dħul b'eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni ta' sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi importati esklussivament għal skopijiet mhux kummerċjali minn stabbilimenti pubbliċi, jew dawk id-dipartimenti ta' stabbiliment pubbliċi, jew minn stabbilimenti privati awtorizzati, li l-attività ewlenija tagħhom hija l-edukazzjoni jew ir-riċerka xjentifika. Tali dħul b'eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni huwa limitat, madankollu, għal sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi li għalihom m'hemm l-ebda produzzjoni ekwivalenti fit-territorju doganali tal-Unjoni u li huma inklużi f'lista mfassla skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 247a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽⁴⁾.
- (3) Skont informazzjoni miksuba mill-Istati Membri m'hemm l-ebda produzzjoni ekwivalenti fit-territorju doganali tal-Unjoni tas-sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

⁽¹⁾ ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23.

⁽²⁾ ĠU L 220, 11.8.1983, p. 13.

⁽³⁾ Ara l-Anness II.

⁽⁴⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

▼B

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista ta' sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi eliġibbli għal dħul b'eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni prevista fl-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 tinsab fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 2288/83 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehm bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B*ANNEX I*

Numru CUS	Kodiċi NM ⁽¹⁾	Deskrizzjoni
	ex 2845 90 90	Helium- 3
	ex 2845 90 90	(Ossiġenu-18) Ilma
▼<u>M1</u>	ex 2849 90 90	It-trab tal-karbur tas-siliċju tat-titanju ta' purità bil-piż ta' 99 % jew aktar
▼<u>B</u>		
0020273-3	ex 2901 29 00	3-Methylpent-1-ene
0020274-4	ex 2901 29 00	4-Methylpent-1-ene
0020275-5	ex 2901 29 00	2-Methylpent-2-ene
0020276-6	ex 2901 29 00	3-Methylpent-2-ene
0020277-7	ex 2901 29 00	4-Methylpent-2-ene
0025634-8	ex 2902 19 00	P-Mentha-1 (7), 2-diene beta-Phellandrene
0014769-3	ex 2903 99 90	4,4'-Dibromobiphenyl
0017305-7	ex 2904 10 00	Ethyl methanesulphonate
▼<u>M1</u>		
—		
▼<u>B</u>		
0020641-7	ex 2926 90 95	1-Naphtonitrile
0020642-8	ex 2926 90 95	2-Naphtonitrile
▼<u>M1</u>		
	ex 2934 99 90	Oligomeri tal-fosforodijamidat tal-morfolin (oligonukleotidi tal-morfolin)
▼<u>B</u>		
0022830-8	ex 2936 21 00	Retinyl acetate
0045091-9	ex 3204 12 00	Sulphorhodamine G (C.I. Acid Red 50)
0021887-1	ex 3507 90 90	Phosphoglucomutase

(¹) Fejn "ex" kodiċi NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi stabbilita bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi meħud in flimkien

▼B

ANNEX II

Regolament imħassar flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tiegħu

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2288/83
(ĠU L 220, 11.8.1983, p. 13)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1798/84
(ĠU L 168, 28.6.1984, p. 22)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2340/86
(ĠU L 203, 26.7.1986, p. 15)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3692/87
(ĠU L 347, 11.12.1987, p. 16)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 213/89
(ĠU L 25, 28.1.1989, p. 70)

▼B*ANNEX III***TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

Regolament (KEE) Nru 2288/83	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
—	Artikolu 2
Artikolu 2	Artikolu 3
Anness	Anness I
—	Anness II
—	Anness III